MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 49/2009

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Asparuh Balabanov**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-27 ta’ Jannar 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u Euro u disgha u erbghin centezmu (€601.49) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u Euro u disa' u erbghin centezmu (€601.49), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------